Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,804, 9 ta' Settembru, 2011
Taqsima B

A.L. 356 tal-2011

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Higher Diploma in Marketing and Sales Management taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Higher Diploma in Administration and Management taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy;

"is-Certificate" tfisser is-Certificate in Marketing and Sales Management;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Marketing and Sales Management;

"il-Higher Diploma" tfisser il-Higher Diploma in Marketing and Sales Management; u

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Higher Diploma in Marketing and Sales Management.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2011 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università.

(2) L-applikanti li jidħlu skont is-sottoparagrafu (a)(iii) tal-paragrafu (2) tar-regolament 2 tar-Regolamenti għad-Dħul għandhom ikollhom il-kwalifiki u / jew l-esperjenza li jissodisfaw lill-Bord tal-Istudji li huma laħqu l-livell akkademiku meħtieġ biex isegwu l-Kors bi profitt. L-eliġibbiltà ta' dawn l-applikanti għandha tkun deċiża mill-Bord tal-Istudji, wara li tkun saret intervista mmexxija minn bord tal-intervisti maħtur għal dan il-għan.

(3) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul mill-anqas minn tliet membri.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' tliet snin ta' studju *part-time*.

Il-Programm tal-Kors

5. (1) Il-Kors jikkonsisti minn numru ta' taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 90 krettu.

(2) L-istudenti li jtemmu b'suċċess għadd ta' taqsimiet studju preskritti għal total ta' 30 krettu u jagħżlu li ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw il-Kors b'suċċess, jkunu eliġibbli għall-għoti tas-Certificate.

(3) L-istudenti li jtemmu b'suċċess għadd ta' taqsimiet studju preskritti għal total ta' 60 krettu u jagħżlu li ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw il-Kors b'suċċess, jkunu eliġibbli għall-għoti tad-Diploma.

6. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

7. (1) L-evalwazzjoni globali tal-livell milħuq minn kull student fil-Kors għall-għan tal-klassifikazzjoni tad-Diploma u tal-Higher Diploma tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma u tal-Higher Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda b'Mertu
Għadda.

It-Tħassir

8. L-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-ikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Management Studies taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 165 tal-2005, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2011, iżda l-istudenti rreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Ottubru 2011 għandhom ikomplu jkunu regolati mill-ordinamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta daħlu fil-kors.